KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fl-4 ta' Mejju 2023 [1]

Kawża C-88/22 P

QB
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell – Servizz pubbliku – Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal – Allowances tal-espatrijazzjoni – Kunċett ta' 'attività professjonali prinċipali abitwali' – Kunċett ta' 'xogħol li sar għal Stat ieħor'"

I. Introduzzjoni

1. Sabiex jeżerċitaw attività fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-membri tal-persunal tagħha ta' spiss ikollhom jitilqu mill-Istat Membru ta' oriġini tagħhom u jittrasferixxu r-residenza tagħhom fl-Istat Membru ta' impjieg tagħhom. Bil-għan li jikkumpensa l-inkonvenjenzi li jirriżultaw minn dan u sabiex jippermetti l-iktar reklutaġġ ta' ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni fuq bażi ġeografika wiesgħa possibbli, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħoloq l-allowance ta' espatrijazzjoni stabbilita fl-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") [2]. Il-kundizzjonijiet tagħha huma stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(a) u (b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Skont l-Artikolu 20(2) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea moqri flimkien mal-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal, dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw b'mod korrispondenti għall-membri tal-persunal temporanju.

2. Skont l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-allowance ta' espatrijazzjoni titħallas lill-membri tal-persunal li ma għandhomx u qatt kellhom in-nazzjonalità tal-Istat li fit-territorju tiegħu huma jeżerċitaw l-attività tagħhom (iktar 'il quddiem: l-"Istat ta' impjieg") (l-ewwel inċiż) u matul il-ħames snin li jintemmu sitt xhur qabel id-dħul fil-kariga tagħhom (iktar 'il quddiem il-"perijodu ta' referenza") la eżerċitaw l-attività professjonali prinċipali abitwali tagħhom u lanqas kellhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju Ewropew tal-Istat ta' impjieg (it-tieni inċiż tal-ewwel sentenza). Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, is-sitwazzjoni li tirriżulta minn xogħol li sar għal Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali tibqa' ma titteħidx inkunsiderazzjoni (it-tieni inċiż tat-tieni sentenza). Għaldaqstant, attività professjonali prinċipali abitwali jew residenza abitwali fl-Istat ta'

[1] Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

[2] Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 1962, 45, p. 1385).

impjieg matul il-perijodu ta' referenza essenzjalment iwasslu għat-telf tal-allowances tal-espatrijazzjoni. Dan ma japplikax, madankollu, jekk il-membru tal-persunal wettaq xogħol li sar għal Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali matul il-perijodu ta' referenza. Għaldaqstant, dan ix-xogħol "jinnewtralizza" attività professjonali prinċipali abitwali jew residenza abitwali fl-Istat ta' impjieg u jwassal sabiex id-dritt tal-membru tal-persunal li jingħata l-allowances tal-espatrijazzjoni jinżamm. Iktar 'il quddiem, għalhekk ser nirreferi wkoll għat-tieni inċiż tat-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal bħala r-"regola ta' newtralizzazzjoni".

3. Madankollu, x'għandu jsir fil-każ ta' membru tal-persunal li, matul il-perijodu ta' referenza ta' ħames snin, kien ikkollokat bħala Mħallef Pollakk fil-Krajowa Szkola Sadownictwa i Prokuratury (l-Iskola Nazzjonali tal-Ġustizzja u l-Prosekuzzjoni, il-Polonja, iktar 'il quddiem il-"KSSiP"), iżda fl-istess ħin kellu l-kariga ta' Segretarju Ġenerali tan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (iktar 'il quddiem l-"EJTN"), assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' lukru rregolata mid-dritt Belġjan, li għandha s-sede tagħha fi Brussell, li iktar tard saret il-post tal-impjieg tal-membru tal-persunal? F'tali każ, il-membru tal-persunal fejn eżerċita l-attività professjonali prinċipali abitwali tiegħu matul il-perijodu ta' referenza rilevanti? U jekk dan il-post fejn titwettaq l-attività huwa l-Belġju, din l-attività tikkostitwixxi xogħol li sar għal Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali, sabiex il-membru tal-persunal ikun jibbenefika mir-regola ta' newtralizzazzjoni?

4. Dawn huma d-domandi li għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti risposta f'dan l-appell, li fih l-appellant qiegħed jikkontesta s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2021 [3] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

II. Il-kuntest ġuridiku

5. Il-kuntest ġuridiku ta' dan l-appell huwa kkostitwit mir-Regolamenti tal-Persunal.

6. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal tipprovdi:

"L-*allowance* ta' l-espatrijazzjoni għandu jkun daqs 16 % tat-total tas-salarju bażiku, l-*allowance* tal-familja, u l-*allowance* tat-tfal dipendenti li għalihom huwa intitolat l-uffiċjal."

7. Skont l-Artikolu 20(2) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal dwar l-allowances tal-espatrijazzjoni japplika għall-membri tal-persunal temporanju b'mod korrispondenti.

8. L-Artikolu 4(1) u (2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi:

"(1) L-*allowance* ta' l-espatrijazzjoni għandu jitħallas, daqs 16 % ta' l-ammont totali tas-salarju bażiku, bl-addizzjoni tal-*allowance* tal-familja, u l-benefiċċju tat-tfal dipendenti mħallsa lill-uffiċjal:

a) lill-uffiċjali:

– li m'humiex u qatt ma kienu ċittadini ta' l-Istat li fih territorju tiegħu qiegħed il-post fejn huma impjegati, u

[3] Sentenza QB vs Il-Kummissjoni (T-71/21, mhux ippubblikata, EU:T:2021:868).

– li matul il-ħames snin li jispiċċaw sitt xhur qabel daħlu fis-servizz ma kienux jgħixu jew iwettqu l-okkupazzjoni ewlenija tagħhom ġewwa t-territorju Ewropej ta' dak l-Istat. Għall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni, iċ-ċirkostanzi li jinħolqu minn xogħol li sar fi Stat ieħor [xogħol li sar għal Stat ieħor] jew għal organizzazzjoni internazzjonali ma jkunux ikkunsidrati;

b) għall-uffiċjali li huma jew kienu ċittadini ta' l-Istat li fit-territorju jinsab il-post fejn huma impjegati iżda li matul l-għaxar snin li jispiċċaw fid-data ta' meta daħlu fis-servizz jgħixu barra t-territorju Ewropew ta' dak l-Istat għal raġunijiet minbarra l-qadi tad-dmirijiet fis-servizz ta' Stat jew ta' organizzazzjoni internazzjonali.

[…]

(2) Uffiċjal li m'huwiex u qatt ma kien ċittadin ta' l-Istat li huwa impjegat fit-territorju tiegħu u ma jħarisx il-kondizzjonijiet imniżżla fil-pragrafu 1 ikun intitolat għal benefiċċju ta' residenza barranija daqs kwart ta' l-allowance ta' l-espatrijazzjoni."

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża u s-sentenza appellata

9. Il-fatti preċedenti ta' dan l-appell huma deskritti fil-punti 3 sa 13 tas-sentenza appellata u jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

10. Mill-2005, l-appellant, li għandu nazzjonalità Pollakka, serva bħala Mħallef f'Qorti Distrettwali fil-Polonja.

11. Minn Marzu 2009, bħala riżultat ta' deċiżjoni mill-Ministeru għall-Ġustizzja Pollakk, l-appellant ġie kkollokat mal-KSSiP. Din tal-aħħar hija organu ċentrali tal-Istat Pollakk, li għandu l-għan li jiżgura t-taħriġ tal-membri tal-qrati ordinarji u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-Polonja.

12. F'Diċembru 2013, il-Ministeru għall-Ġustizzja Pollakk u l-EJTN ikkonkludew ftehim li permezz tiegħu l-appellant ġie maħtur bħala Segretarju Ġenerali tal-EJTN. Dan huwa assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' lukru rregolata mid-dritt Belġjan, li ma għandha l-ebda personalità ġuridika u għandha s-sede tagħha fi Brussell. Hija għandha l-għan li tiżviluppa programmi ta' taħriġ b'dimensjoni Ewropea għall-membri u għall-persunal tal-qrati. Il-membri tal-EJTN jistgħu jkunu dawk l-organi tal-Istati Membri responsabbli għat-taħriġ tal-Imħallfin u tal-prosekuturi jew involuti f'taħriġ ġudizzjarju fil-livell tal-Unjoni.

13. Fir-rigward tal-post tat-twettiq tal-kompiti tiegħu, kien previst li l-preżenza tal-appellant tkun meħtieġa mhux biss fis-sede tal-KSSiP fil-Polonja, iżda wkoll fil-bini tal-EJTN fi Brussell u fi kwalunkwe post ieħor fejn isiru l-attivitajiet tal-EJTN jew fejn il-preżenza tal-appellant titqies li hija fl-interess tan-network Ewropew.

14. Mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2019, l-appellant serva wkoll bħala espert ewlieni fiċ-Ċentru ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-KSSiP. Huwa ġie inkarigat sabiex jiżgura l-kooperazzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tal-attivitajiet li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-KSSiP mal-EJTN.

15. L-appellant għex flimkien mal-familja tiegħu fi Brussell mill-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Ġunju 2019. Wara li l-mandat tiegħu għall-EJTN skada f'Ġunju 2019, l-appellant u l-familja tiegħu rritornaw il-Polonja.

16. L-appellant ingħaqad bħala membru tal-persunal temporanju fis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2020.

17. Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' April 2020 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) ta lill-appellant l-allowances tar-residenza barranija previsti fl-Artikolu 4(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, wara li daħal fil-kariga mal-Kummissjoni, iżda mhux l-allowances tal-espatrijazzjoni.

18. Fis-16 ta' Ġunju 2020, l-appellant talab medjazzjoni mal-PMO fir-rigward tal-benefiċċji tal-espatrijazzjoni, li l-PMO rrifjuta li jagħti.

19. Fit-3 ta' Lulju 2020, l-appellant ressaq ilment, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, kontra d-deċiżjoni kontenzjuża.

20. B'deċiżjoni tat-3 ta' Novembru 2020, l-awtorità tal-Kummissjoni li għandha s-setgħa li tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ (iktar 'il quddiem l-"Awtorità tal-Ħatra"), ċaħdet dan l-ilment.

21. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-2 ta' Frar 2021, l-appellant ippreżenta rikors b'mod konformi mal-Artikolu 270 TFUE. Huwa talab biex id-deċiżjoni kontenzjuża u d-deċiżjoni li ċaħdet l-ilment tiegħu jiġu annullati sa fejn il-Kummissjoni rrifjutat li tagħtih l-allowance tal-espatrijazzjoni.

22. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors u kkundannat lill-appellant għall-ispejjeż.

23. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali bħala infondat, peress li n-nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża ġie rrimedjat b'motivazzjoni suffiċjenti fid-deċiżjoni li tiċħad l-ilment.

24. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll li t-tieni motiv tal-appellant, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, ma kienx fondat. F'dan ir-rigward, hija kkunsidrat, bħal ma diġà għamlet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża, li l-post fejn l-appellant wettaq l-attività professjonali prinċipali tiegħu fil-perijodu ta' referenza kien fi Brussell u li x-xogħol li sar mill-appellant ma kienx xogħol li sar għal Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali.

25. Finalment, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll bħala infondat it-tielet motiv, li permezz tiegħu l-appellant allega żball manifest ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni. Fil-motivi tagħha l-Qorti Ġenerali ddikjarat li l-Kummissjoni applikat korrettament l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal u li ma ngħatat l-ebda marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward.

IV. Il-proċedura tal-appell u t-talbiet tal-partijiet

26. Permezz ta' appell ippreżentat fit-8 ta' Frar 2022 fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appellant ippreżenta appell mis-sentenza appellata.

27. L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata u tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2020 u tat-3 ta' Novembru 2020, jew sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża lura lill-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni;

– tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż legali tagħha u dawk tal-appellant fiż-żewġ istanzi.

28. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż.

29. Il-partijiet fil-kawża ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrinunzjat għaż-żamma ta' seduta għas-sottomissjonijiet orali minħabba li hija kienet informata biżżejjed mill-proċedura bil-miktub.

V. Evalwazzjoni

30. L-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi l-għoti tal-allowances tal-espatrijazzjoni lill-membri tal-persunal tal-Unjoni li ma għandhomx u qatt kellhom in-nazzjonalità tal-post tal-impjieg tagħhom u matul il-ħames snin li jintemmu sitt xhur qabel id-dħul fil-kariga tagħhom la eżerċitaw l-attività professjonali prinċipali abitwali tagħhom u lanqas kellhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-imsemmi Stat jew li għalihom tapplika r-regola ta' newtralizzazzjoni.

31. Il-PMO ta lill-appellant l-allowances tar-residenza barranija wara li daħal fil-kariga mal-Kummissjoni, iżda mhux l-allowances tal-espatrijazzjoni, peress li ma kkunsidrax li r-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal kienu ssodisfatti. L-ilment ippreżentat kontra din is-sitwazzjoni mill-appellant ġie miċħud mill-Awtorità tal-Ħatra.

32. L-appellant ikkontesta dawn id-deċiżjonijiet mingħajr suċċess quddiem il-Qorti Ġenerali u issa qiegħed jikkontesta ċ-ċaħda mill-Qorti Ġenerali tal-argument tiegħu fl-ewwel istanza.

33. Bl-uniku aggravju tiegħu, li huwa essenzjalment l-istess bħat-tieni motiv quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellant jallega li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet.

34. L-ewwel, l-appellant isostni, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ddeterminat il-post fejn kien eżerċita l-attività professjonali prinċipali abitwali tiegħu, peress li dan kien effettivament fil-Polonja u mhux fil-Belġju.

35. It-tieni, il-Qorti Ġenerali ddefinixxiet b'mod żbaljat il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti minn "xogħol li sar għal Stat ieħor" u injorat l-attivitajiet tal-appellant għall-Istat Pollakk u l-istatus tiegħu ta' Mħallef.

36. Jekk l-EJTN huwiex "organizzazzjoni internazzjonali" fis-sens tat-tieni inċiż tat-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ma huwiex, għaldaqstant, is-suġġett tat-tilwima u għalhekk ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni [4].

37. Bħala l-ewwel pass, iktar 'il quddiem ser nuri li l-Qorti Ġenerali korrettament iddeċidiet li l-appellant eżerċita l-attività professjonali prinċipali abitwali tiegħu fil-Belġju matul il-perijodu ta' referenza (A.). L-appellant għaldaqstant seta' jkollu dritt għall-allowances tal-espatrijazzjoni skont l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal biss jekk l-attività li eżerċita fil-Belġju kienet xogħol li sar fi Stat ieħor, peress li f'dak il-każ ikun jibbenefika mir-regola ta' newtralizzazzjoni. Ser neżamina dan fit-tieni stadju (B.).

A. Attività professjonali prinċipali abitwali

38. L-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet li, matul il-perijodu ta' referenza, huwa eżerċita l-attività professjonali prinċipali abitwali tiegħu fi Brussell abbażi tax-xogħol tiegħu għall-EJTN.

39. Skont id-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fil-punti 62 sa 74 tas-sentenza appellata, l-appellant, bħala Segretarju Ġenerali tal-EJTN, wettaq numru kbir ta' kompiti amministrattivi u rappreżentattivi, li kienu jieħdu parti kbira mill-ħin tax-xogħol tiegħu u kienu jeħtieġu l-preżenza tiegħu mhux biss fil-Polonja iżda, *inter alia*, fl-uffiċċji tal-EJTN fi Brussell u f'postijiet oħra. Dan huwa rifless ukoll mill-ammont ta' salarju li fl-aħħar mill-aħħar tħallas mill-EJTN. Barra minn hekk, l-EJTN ipprovda lill-appellant akkomodazzjoni fi Brussell. Minn dawn iċ-ċirkustanzi jirriżulta li x-xogħol għall-EJTN ma kienx sempliċiment attività anċillari jew subordinata jew xogħol għal organu ieħor. L-appellant ma pproduċa l-ebda prova tal-kompiti jew tal-attivitajiet li huwa wettaq għall-KSSiP matul il-perijodu ta' referenza. Huwa għal din ir-raġuni li l-appellant eżerċita l-attività professjonali prinċipali abitwali tiegħu għall-EJTN fi Brussell.

40. Dan lanqas ma jiġi kkontestat mill-fatt li l-appellant prinċipalment kellu kuntatt mal-barranin fil-kuntest tal-funzjonijiet tiegħu fi Brussell u għamel bosta vjaġġi professjonali fl-Ewropa, li huwa ddikjara li ma kienx fluwenti fil-lingwa uffiċjali tal-Belġju, jew li martu żammet il-kuntratt ta' xogħol tagħha ma' qorti Pollakka. Dan peress li minn dawn iċ-ċirkustanzi ma jirriżultax li l-appellant eżerċita attivitajiet oħra minbarra dawk rilevanti għall-funzjonijiet tiegħu għall-EJTN.

41. Lanqas iċ-ċirkustanza li l-appellant żamm l-istatus tiegħu ta' Mħallef Pollakk matul il-perijodu ta' referenza ma jimplika li l-attività professjonali prinċipali abitwali tiegħu kienet fil-Polonja. Dan l-istatus ma huwiex inkompatibbli mal-obbligi li ġew fdati lilu għall-EJTN. Barra minn hekk, l-appellant, bħala Segretarju Ġenerali tal-EJTN, kien suġġett għall-istħarriġ tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-EJTN.

42. Skont l-appellant, din il-konklużjoni hija vvizzjata bi żball ta' liġi. Huwa wettaq il-kompiti għall-EJTN f'isem il-KSSiP. Barra minn hekk, l-EJTN huwa sempliċement grupp ta' istituzzjonijiet nazzjonali ta' natura sussidjarja. Lanqas ma teżisti relazzjoni legali bejn l-EJTN u s-Segretarju Ġenerali tiegħu. Pjuttost, għandu jitqies li waqt li tul l-attività tiegħu għall-EJTN, huwa baqa' jżomm l-istatus tiegħu bħala Mħallef nazzjonali, kien impjegat mill-Istat Pollakk u

[4] F'dan ir-rigward għandu jsir riferiment għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 1993 Vardakas vs Il-Kummissjoni (T-4/92, EU:T:1993:29), li fiha l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Comité européen de normalisation huwa organizzazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' lukru, assoċjazzjoni rregolata taħt id-dritt Belġjan, li huwa "organizzazzjoni internazzjonali" fis-sens tat-tieni inċiż tat-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

kien taħt is-superviżjoni tal-KSSiP. Finalment, il-prinċipju tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-ġudikatura jkun jipprekludi l-preżunzjoni li l-appellant eżerċita l-attività professjonali prinċipali abitwali tiegħu għall-EJTN.

43. Iktar 'il quddiem, l-ewwel ser nispjega kif għandu jiġi ddeterminat il-post ta' eżerċizzju tal-attività professjonali prinċipali abitwali fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal (1.). Fuq din il-bażi, imbagħad ser nuri li l-Qorti Ġenerali kienet korretta meta kkunsidrat li l-appellant wettaq l-attività professjonali prinċipali abitwali tiegħu fi Brussell matul il-perijodu ta' referenza (2.).

1. Kriterji biex jiġi ddeterminat il-post ta' eżerċizzju tal-attività professjonali prinċipali abitwali

44. Sa issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ttrattatx espressament kif għandu jiġi ddeterminat il-post ta' eżerċizzju tal-attività professjonali prinċipali abitwali u liema kriterji huma rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' attività bħala attività professjonali prinċipali abitwali fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

45. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, hemm lok, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li ma tittieħidx inkunsiderazzjoni biss il-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha[5]. Meta jsir dan, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni huma fformulati f'diversi lingwi u li l-verżjonijiet lingwistiċi differenti huma ugwalment vinkolanti, sabiex l-ebda waħda minnhom ma tieħu preċedenza u jista' jkun meħtieġ paragun tal-verżjonijiet lingwistiċi[6].

46. Mill-formulazzjoni tad-dispożizzjoni jirriżulta li l-attività fl-Istat ta' impjieg sussegwenti għandha tiġi eżerċitata bħala *attività professjonali prinċipali*. Sempliċi attività anċillari jew subordinata ma hijiex biżżejjed. Jekk membru tal-persunal wettaq diversi attivitajiet matul il-perijodu ta' referenza rilevanti qabel ma daħal fil-kariga, għandu jiġi ddeterminat liema minn dawn l-attivitajiet kienet jew hija l-attività professjonali prinċipali tiegħu. Din tista' tkun attività waħda biss. Biex jiġi ddeterminat liema minn bosta attivitajiet eżerċitati hija l-attività professjonali prinċipali, huwa primarjament deċiżiv il-kriterju tas-sigħat ta' xogħol. Aspetti oħra, bħal, pereżempju, l-ambitu tal-attivitajiet u l-ammont tas-salarju, jistgħu jitqiesu bħala indizji[7].

47. Barra minn hekk, skont il-formulazzjoni, huwa rilevanti l-post ta' *eżerċizzju* ta' din l-attività fit-territorju Ewropew tal-Istat ta' impjieg.

48. Dan huwa kkonfermat mit-tifsira u mill-għan tal-allowance ta' espatrijazzjoni. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, "l-allowance ta' residenza barranija għandha l-għan li tikkumpensa l-piżijiet u l-iżvantaġġi partikolari li jirriżultaw mit-teħid ta' funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-[membri tal-persunal] li huma, minħabba f'hekk, obbligati li

[5] Sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 61), tal-14 ta' Jannar 2016, Vodafone (C-395/14, EU:C:2016:9, punt 40), tal-25 ta' Jannar 2018, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka (C-314/16, EU:C:2018:42, punt 47), tal-15 ta' Marzu 2022, Autorité des marchés financiers (C-302/20, EU:C:2022:190, punt 63), u tat-12 ta' Jannar 2023, Österreichische Post (Informazzjoni dwar ir-riċevituri tad-data personali) (C-154/21, EU:C:2023:3, punt 29).

[6] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 2021, Hessischer Rundfunk (C-422/19 u C-423/19, EU:C:2021:63, punt 65), u tas-17 ta' Jannar 2023, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-632/20 P, EU:C:2023:28, punti 40 sa 42).

[7] F'każijiet individwali huwa konċepibbli li l-attività professjonali prinċipali ta' membru tal-persunal ma tistax tiġi ddeterminata, minħabba li huwa jwettaq diversi attivitajiet fl-istess żmien. F'dawn il-każijiet, l-eżerċizzju ta' waħda minn dawn l-attivitajiet fl-Istat ta' impjieg sussegwenti matul il-perijodu ta' referenza ma jipprekludix l-għoti tal-allowances tal-espatrijazzjoni.

jittrasferixxu r-residenza tagħhom mill-Istat tad-domiċilju tagħhom lejn l-Istat ta' impjieg u li jintegraw ruħhom f'ambjent ġdid. Il-kunċett ta' espatrijazzjoni jiddependi wkoll mis-sitwazzjoni suġġettiva tal-[membru tal-persunal], jiġifieri l-livell ta' integrazzjoni tiegħu fl-ambjent il-ġdid li jirriżulta, pereżempju, […] mill-eżerċizzju ta' attività professjonali prinċipali [abitwali]. L-għoti tal-allowance ta' residenza barranija huwa għalhekk intiż sabiex jirrimedja l-inugwaljanzi fattwali li jseħħu bejn [i]l-[membri tal-persunal] integrati fis-soċjetà tal-Istat ta' assenjazzjoni u dawk li ma humiex."[8]

49. "Espatrijazzjoni"[9], jiġifieri integrazzjoni tal-membru tal-persunal fl-Istat ta' impjieg tiegħu, li tkun diġà saret qabel ma jidħol fil-kariga, li tiġġustifika rifjut tal-allowances tal-espatrijazzjoni, tista' tirriżulta mill-eżerċizzju ta' attività professjonali prinċipali abitwali f'dan l-Istat. L-ambjent li fih jiċċaqlaq il-membru tal-persunal ma huwiex ġdid għalih fil-kawża ineżami[10]. Madankollu, tipikament ikun hemm biss grad suffiċjenti ta' integrazzjoni jekk l-attività ma tkunx biss attività anċillari jew subordinata, iżda l-attività prinċipali. Kriterji rilevanti għad-determinazzjoni ta' din l-attività prinċipali huma, *inter alia*, is-sigħat ta' xogħol u livell ta' salarju korrispondenti[11].

50. L-integrazzjoni ta' persuna f'post tiddependi direttament fuq il-kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol effettivi tagħha. Il-qafas legali tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istatus relatat mad-dritt industrijali tal-persuna kkonċernata għandhom biss effett indirett fuqha. Fid-dawl tal-għan iddikjarat tal-allowances tal-espatrijazzjoni, għaldaqstant jidhirli li jagħmel sens li d-determinazzjoni tal-post tal-eżerċizzju tal-attività professjonali prinċipali abitwali tiġi bbażata fuq elementi fattwali. Fir-rigward ta' tali determinazzjoni huwa rilevanti l-post fejn il-persuna *effettivament* wettqet ix-xogħol tagħha fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt li ffirmat[12].

2. Brussell bħala l-post tal-eżerċizzju tal-attività professjonali prinċipali abitwali

51. Peress li l-appellant ma allega l-ebda żnaturament tal-fatti mill-Qorti Ġenerali, il-konstatazzjonijiet tas-sentenza appellata huma vinkolanti. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punti 6, 8 u 64 sa 66 ta' din is-sentenza li l-appellant inħatar fil-pożizzjoni ta' Segretarju Ġenerali tal-EJTN bħala riżultat ta' ftehim bejn il-Ministru għall-Ġustizzja Pollakk u l-EJTN. Bħala riżultat, l-appellant qatta' l-biċċa l-kbira tas-sigħat ta' xogħol tiegħu fis-sede tal-EJTN fi Brussell. Għal dawn il-finijiet, l-EJTN ipprovdielu akkomodazzjoni fi Brussell, fejn għex mal-familja tiegħu għat-tul tal-perijodu ta' referenza. Kif jirriżulta mill-punti 42 sa 44 tas-sentenza appellata, l-appellant irċieva s-salarju tiegħu fil-fatt direttament mill-Qorti Distrettwali Pollakka anki matul l-attività tiegħu għall-EJTN. Madankollu, il-Polonja fl-aħħar

[8] Sentenzi tal-24 ta' Jannar 2008, Adam vs Il-Kummissjoni (C-211/06 P, EU:C:2008:34, punti 38 u 39), tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punti 35 u 36), tad-29 ta' Novembru 2007, Salvador García vs Il-Kummissjoni (C-7/06 P, EU:C:2007:724, punti 43 u 44), Salazar Brier vs Il-Kummissjoni (C-9/06 P, EU:C:2007:726, punti 41 u 42), Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni (C-8/06 P, EU:C:2007:725, punti 37 u 38), De Bustamante Tello vs Il-Kunsill (C-10/06 P, EU:C:2007:727, punti 33 u 34), u tal-25 ta' Marzu 2021, Alvarez y Bejarano *et* vs Il-Kummissjoni (C-517/19 P u C-518/19 P, EU:C:2021:240, punt 69); ara wkoll is-sentenzi tal-15 ta' Settembru 1994, Magdalena Fernández vs Il-Kummissjoni (C-452/93 P, EU:C:1994:332, punt 20), u tal-15 ta' Settembru 2022, Brown vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill (C-675/20 P, EU:C:2022:686, punt 46).

[9] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:169, punt 44, nota ta' qiegħ il-paġna 23).

[10] Ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2019, Pozza vs Il-Parlament (T-216/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:118, punt 39),

[11] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2005, Olesen vs Il-Kummissjoni (T-190/03, EU:T:2005:264, punt 34), u tat-28 ta' Frar 2019, Pozza vs Il-Parlament (T-216/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:118, punt 50).

[12] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2020, UI vs Il-Kummissjoni (T-362/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:562, punt 53); sentenza simili tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2004, E vs Il-Kummissjoni (T-251/02, EU:T:2004:357, punti 57 u 72).

mill-aħħar ġiet irrimborsata mill-EJTN sa ammont massimu sinjifikattiv. Dan l-ammont jikkorrispondi għar-remunerazzjoni għal attività professjonali prinċipali, b'kont meħud tal-profil tal-attività ta' Segretarju Ġenerali.

52. Minn dan, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-appellant wettaq il-biċċa l-kbira tal-attività tiegħu għall-EJTN fis-sede tiegħu fi Brussell. L-appellant ma kkontestax din il-konstatazzjoni fl-appell tiegħu.

53. Kif iddikjarat il-Qorti Ġenerali fil-punt 67 tas-sentenza appellata, il-fatt li l-appellant prinċipalment kellu kuntatti ma' barranin bħala parti mill-funzjonijiet tiegħu fi Brussell jew li huwa ddikjara li ma kien fluwenti fl-ebda waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Belġju ma jitfa' l-ebda dubju fuq din il-konstatazzjoni. Ċertament, dawn l-aspetti jistgħu fattwalment jaffettwaw l-integrazzjoni tal-appellant fi Brussell, madankollu, huma ma jaffettwawx il-post fejn huwa jeżerċita l-attivitajiet tiegħu. Barra minn hekk, l-injorar tagħhom la jikkontradixxi l-għan u lanqas il-kuntest regolatorju tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, ir-rabta ma' attività professjonali prinċipali abitwali sservi wkoll biex jiġi stabbilit kriterju sempliċi u oġġettiv sabiex tiġi evalwata s-sitwazzjoni tal-membri tal-persunal li, meta jibdew jaħdmu mal-Unjoni, huma obbligati jintegraw f'ambjent ġdid [13]. B'hekk titqies il-ħtieġa għaċ-ċertezza legali.

54. Il-konklużjoni li l-appellant wettaq l-attività tiegħu għall-EJTN prinċipalment fi Brussell ukoll ma titqigħedx f'dubju mill-bosta vjaġġi ta' missjoni li wettaq fl-Ewropa. Jekk attività hija preċiżament ikkaratterizzata minn vjaġġar u provvista ta' servizzi f'postijiet differenti, ma jidhirx impossibbli li f'każijiet individwali ma jkun hemm l-ebda post fiss fejn titwettaq l-attività professjonali prinċipali abitwali. Madankollu, ma hemm l-ebda indizju dwar dan, speċjalment peress li l-appellant, skont id-dikjarazzjonijiet fil-punt 66 tas-sentenza appellata għex matul il-perijodu ta' referenza mal-familja tiegħu fl-akkomodazzjoni fi Brussell li tpoġġiet għad-dispożizzjoni tiegħu mill-EJTN.

55. Finalment, huwa wkoll irrilevanti li mart l-appellant żammet il-kuntratt ta' xogħol tagħha ma' qorti Pollakka matul dak il-perijodu. Dan peress li għad-determinazzjoni tal-post tal-attività professjonali prinċipali abitwali tiegħu, jistgħu jkunu rilevanti biss iċ-ċirkustanzi li jinsabu fil-persuna nnifisha u li huma ta' natura professjonali. Ir-relazzjoni ta' xogħol ta' persuna qrib tagħha, bħal martu, hija irrilevanti f'dan ir-rigward [14].

56. Barra minn hekk, mill-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, imsemmija fil-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet, jirriżulta li l-attività tal-appellant għall-EJTN ma kinitx sempliċement anċillari jew subordinata, iżda kienet l-attività professjonali prinċipali tiegħu fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

57. Kif assumiet b'mod korrett il-Qorti Ġenerali fil-punti 65 sa 66 tas-sentenza appellata, jirriżulta min-numru kbir ta' kompiti li għandu jwettaq is-Segretarju Ġenerali tal-EJTN kif ukoll mil-livell ta' salarju korrispondenti li l-kompitu tas-Segretarju Ġenerali għandu jitqies bħala attività professjonali prinċipali u mhux bħala sempliċi attività sekondarja jew aċċessorja. Minn dan

[13] Sentenza tal-31 ta' Mejju 1988, Nuñez vs Il-Kummissjoni (211/87, EU:C:1988:275, punt 10); sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' April 1992, Costacurta Gelabert vs Il-Kummissjoni (T-18/91, EU:T:1992:56, punt 41), tat-13 ta' April 2000, Reichert vs Il-Parlament (T-18/98, EU:T:2000:113, punt 25), tat-3 ta' Mejju 2001, Liaskou vs Il-Kunsill (T-60/00, EU:T:2001:129, punt 52), tat-30 ta' Ġunju 2005, Olesen vs Il-Kummissjoni (T-190/03, EU:T:2005:264, punt 61), u tal-25 ta' Novembru 2020, UI vs Il-Kummissjoni (T-362/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:562, punt 37).

[14] Ara d-digriet tas-6 ta' Lulju 2021, Karpeta-Kovalyova vs Il-Kummissjoni (C-717/20 P, mhux ippubblikat, EU:C:2021:542, punti 11 u 12).

jirriżulta *a contrario* li l-attività tal-appellant bħala espert ewlieni tal-KSSiP fil-Polonja kienet sempliċement attività sekondarja u għalhekk hija irrilevanti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

58. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, id-determinazzjoni tal-post tal-attività professjonali prinċipali abitwali ma tiddependix mill-pożizzjoni li għaliha l-attività kienet primarjament imwettqa. Kif ġie stabbilit fil-punti 48 sa 50 iktar 'il fuq, l-għan tal-allowances tal-espatrijazzjoni jeżiġi li jintużaw elementi fattwali sabiex jiġi ddeterminat il-post fejn tiġi eżerċitata l-attività professjonali prinċipali abitwali. Il-post fejn isir ix-xogħol huwa deċiżiv.

59. Jekk il-kompiti mwettqa mill-appellant għall-EJTN twettqux f'isem il-KSSiP u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar f'isem l-Istat Pollakk għalhekk ma huwiex rilevanti għad-determinazzjoni tal-post fejn titwettaq l-attività, iżda huma l-iktar għall-kwistjoni dwar jekk l-appellant wettaqx xogħol li sar għal Stat ieħor. Fi kliem ieħor, anki jekk wieħed jaċċetta l-argument tal-appellant li huwa eżerċita l-kompiti fdati lilu primarjament għall-KSSiP u sekondarjament biss għall-EJTN, il-post tal-eżerċizzju tal-attività professjonali prinċipali abitwali tal-appellant matul il-perijodu ta' referenza huwa Brussell. L-argumenti miġbura fil-qosor mill-appellant fil-punt 42 iktar 'il fuq huma għalhekk irrilevanti għad-determinazzjoni tal-post tal-attività professjonali prinċipali abitwali tal-appellant.

3. Konklużjoni intermedjarja

60. Minn dak kollu li ġie rrilevat iktar 'il fuq jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet li l-post tal-attività professjonali prinċipali abitwali tal-appellant matul il-perijodu ta' referenza kien Brussell.

B. Xogħol li sar għal Stat ieħor

61. L-appellant iqis ukoll li l-Qorti Ġenerali ddefinixxiet b'mod żbaljat il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti għal "xogħol li sar għal Stat ieħor". Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali injorat l-attività tiegħu għall-Istat Pollakk kif ukoll l-istatus tiegħu bħala Mħallef.

62. Skont il-konstatazzjonijiet fil-punti 78 sa 83 tas-sentenza appellata, il-kunċett ta' "Stat" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jinkludi biss l-Istat bħala persuna ġuridika u bħala suġġett komuni ta' dritt internazzjonali u organizzazzjonijiet tiegħu. Ix-xogħol li sar għal assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' lukru rregolata mid-dritt Belġjan, bħall-EJTN, ma jaqax taħt dan il-kunċett. Għaldaqstant, l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ma japplikax għax-xogħol tal-appellant għall-EJTN.

63. Skont l-appellant, il-ġurisprudenza ma ssostnix interpretazzjoni daqshekk stretta tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Barra minn hekk, għandu jitqies li l-membri tal-ġudikatura ma jistgħux jiġu integrati f'rappreżentanza permanenti ta' Stat minħabba l-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat. Il-Qorti Ġenerali eskludiet, bl-interpretazzjoni tagħha, li membri tal-ġudikatura jistgħu jibbenefikaw mill-eċċezzjoni fit-tieni inċiż tat-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-kunċett ta' "xogħol li sar għal Stat ieħor " għandu għalhekk jiġi interpretat bħala li jkopri ċ-ċirkustanzi kollha li jirriżultaw mill-attività għal Stat ieħor, mingħajr ma dan ix-xogħol ikun limitat għal tali Stat b'rabta ma' rappreżentanza uffiċjali tiegħu.

64. Barra minn hekk, billi ddeċidiet li x-xogħol għall-EJTN ma jaqax taħt il-kunċett ta' "xogħol li sar għal Stat ieħor", il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-attività tal-appellant għall-Istat Pollakk u l-istatus tiegħu ta' Mħallef. Billi wettaq il-kompiti u d-dmirijiet tas-Segretarju Ġenerali tal-EJTN, l-appellant simultanjament wettaq il-kompiti assenjati lilu mill-KSSiP.

65. Iktar 'il quddiem, l-ewwel ser nerġa' nuri, liema rekwiżiti għandhom jiġu stabbiliti għall-kriterju ta' "xogħol li sar għal Stat ieħor" (1.). F'dan il-kuntest, ser nispjega b'mod partikolari li dan jeħtieġ attività *f'istituzzjoni* ta' dan l-Istat l-ieħor fl-Istat ta' impjieg. Imbagħad ser nispjega li l-appellant ma wettaq l-ebda xogħol li sar għal Stat ieħor matul il-perijodu ta' referenza (2.).

1. Rekwiżiti għall-kriterju ta' "xogħol li sar għal Stat ieħor"

a) Il-formulazzjoni u t-tifsira u l-għan tar-Regolamenti

66. Kif spjega fid-dettall l-Avukat Ġenerali Bot, il-kunċett ta' "Stat" jista' jkun ta' portata wiesgħa jew restrittiva, skont il-kuntest li fih jiġi applikat [15] Għalhekk ma jistax jiġi sseparat mill-fraži li jagħmel parti minnha sabiex jiġi interpretat separatament; pjuttost, il-kunċett ta' "xogħol li sar għal Stat ieħor" għandu jiġi kkunsidrat fl-intier tiegħu u interpretat skont l-istruttura u l-għanijiet tar-Regolamenti li jagħmel parti minnhom [16].

67. Hekk kif ġie rrilevat fil-punt 48 iktar 'il fuq, l-għan tal-allowances tal-espatrijazzjoni huwa li jikkumpensa l-piżijiet u l-iżvantaġġi partikolari tad-dħul fil-kariga fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-membri tal-persunal, li huma b'hekk obbligati jintegraw f'ambjent ġdid. Ir-regola ta' newtralizzazzjoni tat-tieni inċiż tat-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tinkludi l-evalwazzjoni li "kellu l-ħsieb li jikkunsidra li jinsab f'sitwazzjoni ta' espatrijazzjoni bħal din [membru tal-persunal] li, filwaqt li għex jew wettaq l-okkupazzjoni ewlenija tiegħu ġewwa t-territorju Ewropew ta' l-Istat fejn jinsab il-post fejn huwa impjegat, matul il-ħames snin li jispiċċaw sitt xhur qabel id-dħul tiegħu fis-servizz, wettaq xogħol għal Stat ieħor […]". [17] Hawnhekk ġie preżunt li l-eżerċizzju ta' dan ix-xogħol għandu bħala konsegwenza ż-żamma ta' rabta speċifika għall-persuna kkonċernata ma' dan l-Istat l-ieħor. Din ir-rabta toħloq ostakolu għall-ħolqien ta' rabta fit-tul mal-Istat ta' impjieg u għalhekk għall-integrazzjoni suffiċjenti tal-persuna kkonċernata fil-komunità tal-Istat ta' impjieg [18]. Fi kliem ieħor, f'sitwazzjoni bħal din hija preżunta s-sitwazzjoni tal-membru tal-persunal "li jkun barrani"

[15] Konklużjonijiet magħquda tal-Avukat Ġenerali Bot fil-Kawżi Salvador García vs Il-Kummissjoni (C-7/06 P), Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni (C-8/06 P), Salazar Brier vs Il-Kummissjoni (C-9/06 P), u De Bustamante Tello vs Il-Kunsill (C-10/06 P) (EU:C:2007:324, punti 123 sa 131).

[16] Sentenzi tad-29 ta' Novembru 2007, Salvador García vs Il-Kummissjoni (C-7/06 P, EU:C:2007:724, punt 42), Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni (C-8/06 P, EU:C:2007:725, punt 36), u Salazar Brier vs Il-Kummissjoni (C-9/06 P, EU:C:2007:726, punt 40); konklużjonijiet magħquda tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawżi Salvador García vs Il-Kummissjoni (C-7/06 P), Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni (C-8/06 P), Salazar Brier vs Il-Kummissjoni (C-9/06 P), u De Bustamante Tello vs Il-Kunsill (C-10/06 P) (EU:C:2007:324, punt 136).

[17] Sentenzi tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punt 37), tad-29 ta' Novembru 2007, Salvador García vs Il-Kummissjoni (C-7/06 P, EU:C:2007:724, punt 45), Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni (C-8/06 P, EU:C:2007:725, punt 39), Salazar Brier vs Il-Kummissjoni (C-9/06 P, EU:C:2007:726, punt 43), De Bustamante Tello vs Il-Kunsill (C-10/06 P, EU:C:2007:727, punt 35), u tal-24 ta' Jannar 2008, Adam vs Il-Kummissjoni (C-211/06 P, EU:C:2008:34, punt 40).

[18] Sentenzi tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punt 38), tad-29 ta' Novembru 2007, Salvador García vs Il-Kummissjoni (C-7/06 P, EU:C:2007:724, punt 46), Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni (C-8/06 P, EU:C:2007:725, punt 40), Salazar Brier vs Il-Kummissjoni (C-9/06 P, EU:C:2007:726, punt 44), De Bustamante Tello vs Il-Kunsill (C-10/06 P, EU:C:2007:727, punt 36), u tal-24 ta' Jannar 2008, Adam vs Il-Kummissjoni (C-211/06 P, EU:C:2008:34, punt 41).

b'mod kontinwu fl-Istat ta' impjieg, li tiġġustifika li jiġi ttrattat fuq bażi ugwali mal-membri tal-persunal li jkunu għadhom kif waslu u li jinżamm id-dritt tiegħu għall-ħlas tal-allowances tal-espatrijazzjoni.

68. Kif tista' tiġi ġġustifikata din il-preżunzjoni fuq il-bażi tal-għanijiet u tal-istruttura tar-regolamenti rilevanti?

69. Bħala bażi, l-ewwel jiġi kkunsidrat li l-eżerċizzju ta' attività barra mill-pajjiż għal Stat ieħor huwa normalment biss temporanju u l-persuna kkonċernata għalhekk ma għandha l-ebda interess li tistabbilixxi rabta dejjiema ma 'dan l-Istat ta' impjieg It-tieni, l-ambjent tax-xogħol partikolari li fih il-persuna kkonċernata tagħti x-xogħol lil Stat ieħor jinsab fl-Istat ta' impjieg, jista' jagħmel l-integrazzjoni soċjali f'dak l-istat iktar diffiċli. It-tielet, ir-regola ta' newtralizzazzjoni tissodisfa l-eżiġenza li tiġi sostnuta l-kapaċità ta' reklutaġġ ġdid tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u li tinżamm l-attrazzjoni tagħhom għal ċittadini ta' Stati diversi minn tas-sede ġenerali tagħhom, anki jekk ikunu diġà pprovdew xogħol temporanju fl-Istat ta' impjieg għal żmien limitat [19].

70. Kif diġà kkonstata l-Avukat Ġenerali Mengozzi, dawn l-attentati ta' motivazzjoni jidhru li huma, madankollu, inadegwati fihom innifishom, peress li jonqsu milli jispjegaw il-fatt li jiffavorixxu lill-persuni kkonċernati li jagħmlu xogħol barra mill-pajjiż għal Stati oħra jew organizzazzjonijiet internazzjonali u b'hekk jibbenefikaw mir-regola ta' newtralizzazzjoni, meta mqabbla mal-pożizzjoni ta' persuni kkonċernati li jagħmlu xogħol għal istituzzjonijiet oħra u għalhekk ma jibbenefikawx mir-regola ta' newtralizzazzjoni [20].

71. Mod ieħor kif tiġi spjegata din id-distinzjoni jkun li r-regola ta' newtralizzazzjoni titqies bħala privileġġ favur Stati jew organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, li jissarraf f'sistema speċjali favur dawk li ħadmu għall-istituzzjonijiet tagħhom, u li għandu jiffaċilita l-mobbiltà ġeografika tal-persunal tal-Istati u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali oħra [21].

72. Madankollu, l-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, li għandu kamp ta' applikazzjoni differenti minn dak tal-ittra a, jitkellem kontra tali interpretazzjoni: filwaqt li l-ittra a teħtieġ li l-membru tal-persunal *ma jkunx* ċittadin tal-Istat ta' impjieg, l-ittra b tipprevedi l-għoti tal-allowances tal-espatrijazzjoni f'każijiet fejn il-membru tal-persunal ikun ċittadin tal-Istat ta' impjieg. Skont din tal-aħħar, il-membri tal-persunal jirċievu l-allowances tal-espatrijazzjoni biss f'każijiet eċċezzjonali, jiġifieri jekk ma kellhomx ir-residenza abitwali tagħhom fl-Istat ta' impjieg għal perijodu ta' għaxar snin li jintemmu meta jidħlu fil-kariga *għal raġuni oħra* għajr li jeżerċitaw attività f'dipartiment ta' Stat jew f'organizzazzjoni internazzjonali. Din ir-raġuni l-oħra għalhekk ma tistax tkun relatata mal-eżerċizzju ta' attività f'dipartiment ta' Stat jew f'organizzazzjoni internazzjonali.

73. Għalhekk, fil-fatt, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, membru tal-persunal jibbenefika mill-fatt li kien għamel xogħol għal Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali peress li din id-dispożizzjoni, bħala prinċipju, iżżomm id-dritt tiegħu għall-allowances tal-espatrijazzjoni; bil-maqlub, attività preċedenti f'dipartiment ta' Stat jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li taqa' fil-kamp ta'

[19] Fir-rigward ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ara l-konklużjonijiet preċedenti tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:169, punti 54 sa 56).

[20] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:169, punt 57).

[21] F'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:169, punt 57).

applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal hija ta' żvantaġġ għalih minħabba li tali attività ċċaħħad dan id-dritt [22]. Għalhekk ma jistax jiġi kkunsidrat privileġġ ġenerali tax-xogħol li sar għal Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali.

74. Mill-istruttura regolatorja tal-ittri a u b jirriżulta li l-pussess jew le tan-nazzjonalità jiddetermina biss il-perijodu rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tar-residenza abitwali jew tal-attività professjonali prinċipali abitwali qabel id-dħul fil-kariga u, għaldaqstant, għall-kriterju tal-istatus "li jkun barrani" fil-post ta' impjieg fil-mument tad-dħul fil-kariga [23]. Bħal fil-każ ta' ċittadin li ma jkunx tal-Istat ta' impjieg jista' jibni rabta speċjali miegħu permezz ta' post ta' residenza jew l-eżerċizzju ta' attività professjonali prinċipali abitwali matul il-perijodu ta' referenza u għalhekk jista' ma japplikax il-kriterju "li jkun barrani" (li jagħti lok għal dritt), ċittadin jista' jitlef din ir-rabta speċjali mal-Istat stabbilita mill-pussess tan-nazzjonalità permezz ta' assenza kontinwa ta' għaxar snin u għalhekk jissodisfa l-kriterju "li jkun barrani" mar-ritorn tiegħu fl-Istat ta' impjieg [24]. Din l-attività, li jew tistabbilixxi rabta speċjali mal-Istat ta' impjieg (ittra a) jew li ma tagħmilhiex meħtieġa (ittra b), ma tistax, madankollu, tkun xogħol li sar għal Stat ieħor jew f'dipartiment ta' Stat ieħor. Il-leġiżlatur, għaldaqstant, assuma li xogħol li sar għal Stat ieħor jew f'dipartiment ta' Stat ieħor ma jistax iwassal għal rabta speċjali mal-Istat li fih titwettaq din l-attività.

75. Fl-evalwazzjoni globali tar-regoli fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal isegwi, li l-leġiżlatur ipprivileġġa s-sitwazzjoni li tirriżulta mix-xogħol li sar għal Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali fl-ittra a, sempliċement għaliex f'dawn il-każijiet huwa tipikament assuma li r-rabta speċifika tal-persuna kkonċernata ma' dan l-Istat l-ieħor jew ma' din l-organizzazzjoni internazzjonali tipprekludi l-integrazzjoni adegwata tagħha fis-soċjetà tal-Istat ta' impjieg, u li, għaldaqstant, tali persuna hija "barranija" hemmhekk.

76. Din il-klassifikazzjoni ssir għal raġunijiet ta' ċertezza legali u tikkorrispondi mal-ħtieġa li jsir eżami tal-għoti ta' allowances tal-espatrijazzjoni fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u ta' applikazzjoni faċli [25]. Dan ma huwiex preklużmill-fatt li, f'każijiet individwali, din il-klassifikazzjoni tista' tfisser li l-membri tal-persunal ma jirċevux allowances tal-espatrijazzjoni, minkejja li s-sitwazzjoni tagħhom hija qrib dik koperta mill-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal [26], iżda l-membri tal-persunal preċiżament, qabel id-dħul tagħhom fis-servizz mal-Unjoni, ħadmu għal aġenzija oħra għajr dipartiment ta' Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali. [27]

[22] Fil-kawża ineżami, insibu ruħna fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, peress li l-appellant ma huwiex ċittadin tal-Istat ta' impjieg tiegħu (il-Belġju) iżda ċittadin Pollakk. Peress li wettaq l-attività professjonali prinċipali abitwali tiegħu fil-Belġju matul il-perijodu ta' referenza, huwa, madankollu, ma huwiex intitolat għall-allowances tal-espatrijazzjoni, sakemm ma jkunx wettaq xogħol għal Stat ieħor (jew organizzazzjoni internazzjonali). Interpretazzjoni wiesgħa tal-frażi "xogħol li sar [għal] Stat ieħor" tkun ta' benefiċċju għalih f'dawn iċ-ċirkustanzi. Madankollu, kieku dan kien jikkonċerna dħul fil-kariga fil-Polonja u li kieku l-appellant eżerċita l-attività professjonali prinċipali abitwali fil-Belġju għal perijodu ta' mill-inqas għaxar snin, huwa kien ikun intitolat biss għall-allowances tal-espatrijazzjoni jekk huwa ma jkunx għamel xogħol f'dipartiment ta' Stat jew f'organizzazzjoni internazzjonali. Interpretazzjoni wiesgħa ta' din il-frażi tkun ta' żvantaġġ għalih f'din is-sitwazzjoni, li ma huwiex il-każ fil-kawża ineżami.

[23] Ara fid-dettall il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Brown vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill (C-675/20 P, EU:C:2022:287, punti 36 sa 42 u 50).

[24] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Brown vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill (C-675/20 P, EU:C:2022:287, punti 40 u 41).

[25] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:169, punt 90); dwar din il-kunsiderazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kriterju ta' "iwettqu l-okkupazzjoni tagħhom" ara wkoll iktar 'il fuq il-punt 53.

[26] Ara s-sentenza preċedenti tal-15 ta' Jannar 1981, Vutera vs Il-Kummissjoni (1322/79, EU:C:1981:6, punt 9); sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2004, E vs Il-Kummissjoni (T-251/02, EU:T:2004:357, punt 126).

[27] Eżempju ta' dan ikun il-kollokament temporanju ta' impjegat ta' kumpannija privata f'uffiċċju barrani ta' din il-kumpannija. B'dan il-mod iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fis-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2004, E vs Il-Kummissjoni (T-251/02, EU:T:2004:357), li persuna li kienet impjegata ta' kumpannija legali Ingliża f'Londra u ġiet temporanjament ikkollokata mal-uffiċċju ta' Brussell ta' din il-kumpannija ma kinitx ibbenefikat mir-regola ta' newtralizzazzjoni.

b) Rekwiżit tal-attività f'istituzzjoni ta' dan l-Istat l-ieħor

77. Fid-dawl tal-għanijiet segwiti, x'inhuma r-rekwiżiti li għandhom jiġu stabbiliti għal xogħol li sar għal Stat ieħor?

1) Il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja

78. Fis-sentenza tagħha fil-kawża Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Istati l-oħra huma rrappreżentati fl-Istat ta' impjieg "mill-ambaxxati jew mill-missjonijiet diplomatiċi kif ukoll mir-rappreżentanzi permanenti fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali"[28].

79. Għaldaqstant, hija kkonkludiet li persuna, li għalkemm ma kinitx impjegata mill-amministrazzjoni ċentrali ta' dan l-Istat, kienet membru tal-persunal tar-Rappreżentanza Permanenti ta' dan l-Istat, kellha tiġi kkunsidrata li tagħmel xogħol għal dan l-Istat[29] Meta għamlet dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kien irrilevanti liema funzjonijiet speċifiċi speċjali kienet teżerċita l-persuna fir-Rappreżentanza Permanenti[30] Pjuttost, hija rreferiet b'mod deċiżiv għall-istatus privileġġat tal-persuna, li kien jippermettilha tgawdi diversi privileġġi u immunitajiet taħt il-Konvenzjoni ta' Vjenna tat-18 ta' April 1961 dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi u għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, stabbilixxa r-rabta speċifika tagħha mal-Istat[31]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li ma kinitx meħtieġa relazzjoni legali diretta bejn din il-persuna u l-Istat inkwistjoni[32]

80. Abbażi ta' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenzi tagħha fil-kawżi Salvador García vs Il-Kummissjoni, Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni, Salazar Brier vs Il-Kummissjoni u De Bustamante Tello vs Il-Kunsill li għall-interpretazzjoni tal-kunċett "xogħol li sar għal Stat ieħor" huwa rilevanti biss il-fatt li x-xogħol isir fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Stat[33]. Madankollu, din id-dikjarazzjoni għandha tinqara fl-isfond tal-ispeċifiċitajiet tal-kawżi deċiżi u, fl-opinjoni tiegħi, ma għandhiex tinftiehem b'mod strett wisq. Skont il-ftehim stabbilit fil-punt 78 iktar 'il fuq, xogħol fl-ambaxxati u fil-missjonijiet diplomatiċi għandu wkoll ikun kopert.

81. Fi kwalunkwe każ, huwa, madankollu, dejjem meħtieġ li x-xogħol inkwistjoni sar għal Stat ieħor f'istituzzjoni ta' dan l-Istat l-ieħor fl-Istat ta' impjieg, bħal b'mod partikolari ambaxxata, missjoni diplomatika jew Rappreżentanza Permanenti?

28 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punt 39).

29 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punt 42).

30 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punt 44).

31 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punti 42 u 43); ara wkoll is-sentenzi tad-29 ta' Novembru 2007, li jirreferu għal dan, Salvador García vs Il-Kummissjoni (C-7/06 P, EU:C:2007:724, punt 51), Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni (C-8/06 P, EU:C:2007:725, punt 45), Salazar Brier vs Il-Kummissjoni (C-9/06 P, EU:C:2007:726, punt 49), u De Bustamante Tello vs Il-Kunsill (C-10/06 P, EU:C:2007:727, punt 41).

32 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punt 45).

33 Sentenzi tad-29 ta' Novembru 2007, Salvador García vs Il-Kummissjoni (C-7/06 P, EU:C:2007:724, punti 5 6 u 60), Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni (C-8/06 P, EU:C:2007:725, punti 50 u 54), Salazar Brier vs Il-Kummissjoni (C-9/06 P, EU:C:2007:726, punti 54 u 58), u De Bustamante Tello vs Il-Kunsill (C-10/06 P, EU:C:2007:727, punti 46 u 50).

2) Il-formulazzjoni "xogħol li sar għal Stat ieħor"

82. Il-formulazzjoni "xogħol li sar għal Stat ieħor" mhux bilfors teżiġi dan. F'dan ir-rigward, hemm differenza, għall-inqas fil-verżjoni lingwistika Ġermaniża, għall-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, li – b'mod iktar ristrett – jitkellem dwar l-attività "in einer Dienststelle eines Staates" ["fis-servizz ta' Stat"]. Sfumaturi simili jistgħu jinstabu wkoll f'verżjonijiet lingwistiċi oħra. Fil-verżjoni Franċiża, l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jaqra "services effectués pour un autre État" [34] u fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal "l'exercice de fonctions dans un service d'un État" [35].

83. Fis-sentenza tagħha Vardakas vs Il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li t-terminu użat fl-ittra a kellu jiġi interpretat b'mod wiesa' filwaqt li t-terminu użat fl-ittra b kellu jiġi interpretat b'mod ristrett [36]. Madankollu, tali interpretazzjoni differenti ma jidhirlix konvinċenti: Fil-fatt, kif ġie rrilevat iktar 'il fuq fil-punti 72 sa 75, kemm l-ittra a kif ukoll l-ittra b huma bbażati fuq l-istess idea li fil-każ ta' xogħol għal Stat ieħor jew f'dipartiment ta' Stat (ieħor), tibqa' rabta speċifika bejn il-persuna u dak l-Istat, li tipprevjeni l-integrazzjoni adegwata tagħha fl-Istat li fih tiġi eżerċitata din l-attività. Minkejja l-formulazzjoni differenti, dan jimmilita favur l-assenjazzjoni tal-istess kontenut għat-termini użati fl-ittri a u b.

84. Barra minn hekk, id-differenzi fil-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra huma inqas ċari. Pereżempju, il-verżjoni Ingliża fl-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal issemmi "work done for another State" u l-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal isemmi "duties in the service of a State", il-verżjoni Olandiża ssemmi "diensten, verricht voor een andere staat" (ittra a) u "functie in dienst van een staat" (ittra b).

3) It-tifsira u l-għan tar-regola ta' newtralizzazzjoni

85. Fl-opinjoni tiegħi, ir-*ratio legis* tar-regola ta' newtralizzazzjoni timmilita favur ir-rekwiżit li l-persuna fl-Istat ta' impjieg tkun impjegata direttament f'istituzzjoni tal-Istat l-ieħor. Kif ġie rrilevat fil-punti 67 *et seq* iktar 'il fuq, ir-regola ta' newtralizzazzjoni tinvolvi preżunzjoni bbażata fuq kriterji oġġettivi u sempliċi, li l-persuna żżomm rabta speċifika mal-Istat l-ieħor. Minħabba l-approċċ tal-klassifikazzjoni meħtieġ, din il-preżunzjoni tidher iġġustifikata biss jekk l-attività titwettaq direttament f'istituzzjoni tal-Istat l-ieħor, anki jekk ma tkunx meħtieġa relazzjoni legali diretta bejn il-persuna u l-Istat [37]. Għall-kuntrarju, jekk l-attività titwettaq f'istituzzjoni terza jew f'korpi differenti, anki jekk tkun ikkummissjonata minn Stat ieħor u f'ismu, dan idgħajjef ir-rabta bejn il-persuna u l-Istat.

86. Perspettiva differenti twassal għal applikazzjoni ferm iktar diffiċli tal-liġi u tagħti lok għall-biża' li tikkawża inċertezza legali kunsiderevoli. Jekk wieħed ma jikkunsidrax li attività f'istituzzjoni tal-Istat l-ieħor ma hijiex meħtieġa fl-Istat ta' impjieg, ikun diffiċli li jiġi ddeterminat f'liema każijiet fil-fatt jeżisti xogħol li sar għal Stat ieħor.

[34] Formulazzjonijiet korrispondenti jinsabu wkoll fil-verżjoni lingwistika Taljana ("servizi effettuati per un altro Stato"), fil-verżjoni lingwistika Spanjola ("servicios prestados a otro Estado") u fil-verżjoni lingwistika Portugiża ("serviços prestados a um outro Estado").

[35] Formulazzjonijiet korrispondenti jinstabu wkoll fil-verżjoni lingwistika Taljana ("esercizio di funzioni al servizio di uno Stato"), fil-verżjoni lingwistika Spanjola ("ejercicio de funciones al servicio de un Estado") u fil-verżjoni lingwistika Portugiża ("exercício de funções num serviço de qualquer Estado").

[36] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 1993, Vardakas vs Il-Kummissjoni (T-4/92, EU:T:1993:29, punt 36); kif ukoll is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, Wywiał-Prząda vs Il-Kummissjoni (T-592/18, EU:T:2019:820, punt 35).

[37] Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punt 45).

87. Ir-rabta statutorja jew ir-relazzjoni ta' xogħol ma' dan l-Istat l-ieħor ma jkunux biżżejjed għal dan il-għan, għaliex ma jidhirx impossibbli li f'każijiet individwali xogħol li sar għal Stat ieħor jista' jsir ukoll minn persuna li taħdem għal rasha [38] jew minn impjegat ma' terza persuna. Tali opinjoni tkun, barra minn hekk, tikkontradixxi l-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, li skontha rabta ġuridika diretta bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat l-ieħor inkwistjoni ma hijiex preċiżament meħtieġa [39].

88. Dawn il-każijiet lanqas ma jistgħu jiġu ddeterminati b'mod affidabbli fuq il-bażi tal-attivitajiet konkretament eżerċitati. L-evalwazzjoni effettiva ta' dawn l-attivitajiet li mbagħad tkun meħtieġa tmur kontra l-ħtieġa ta' kriterji sempliċi għall-applikazzjoni tal-liġi. Barra minn hekk, l-attività mwettqa jidhirli li hija fattur ferm inqas importanti għall-integrazzjoni fl-Istat ta' impjieg minn fatturi oħra, bħall-ambjent tax-xogħol jew l-istatus u kwalunkwe prerogattivi u privileġġi tal-persuna assoċjati magħha. Fi kliem ieħor, l-attività speċifikament imwettqa, ikun xi jkun il-kontenut tagħha, ma jidhirlix li hija adatta fiha nnifisha biex tiġġustifika l-preżunzjoni ta' tali rabta speċifika mal-Istat l-ieħor li tkun tipprevjeni l-integrazzjoni fl-Istat ta' impjieg. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-funzjonijiet speċifiċi mwettqa fl-istituzzjoni huma irrilevanti [40].

4) Konklużjoni intermedja

89. Jien nikkonkludi li l-applikabbiltà tar-regola ta' newtralizzazzjoni tirrikjedi li x-xogħol li sar fl-Istat ta' impjieg ikun sar f'istituzzjoni f'dan l-Istat l-ieħor [41]. Jekk din l-istituzzjoni tal-Istat l-ieħor fl-Istat ta' impjieg għandhiex neċessarjament tkun ambaxxata, missjoni diplomatika jew Rappreżentanza Permanenti, xi ħaġa li l-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tidher li timplika u li anki ġiet sostnuta mill-Qorti Ġenerali fil-punti 78 sa 83 tas-sentenza appellata, jew jekk istituzzjonijiet oħra tal-Istat, bħal bażijiet militari barra mill-pajjiż jew skejjel barra mill-pajjiż, jistgħux ikunu koperti mis-sjieda ta' Stat ieħor, ma huwiex rilevanti għad-deċiżjoni fil-kawża ineżami [42].

2. Applikazzjoni ta' dan il-kriterju għas-sitwazzjoni tal-appellant

90. Skont dawn l-istandards, l-attività tal-appellant imwettqa matul il-perijodu ta' referenza tikkostitwixxi xogħol li sar għall-Istat Pollakk?

[38] F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet f'każ wieħed li l-attività ta' konsulenti li jaħdmu għal rashom għall-Kummissjoni taqa' taħt l-eċċezzjoni ta' xogħol għal organizzazzjoni internazzjonali, ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1995, Diamantaras vs Il-Kummissjoni (T-72/94, EU:T:1995:212, punt 52).

[39] Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punt 45).

[40] Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Hosman-Chevalier (C-424/05 P, EU:C:2007:367, punt 44).

[41] Jekk ix-xogħol għal subdiviżjoni politika ta' Stat, bħal, pereżempju, gvernijiet tar-reġjuni, komunitajiet awtonomi jew awtoritajiet lokali oħra, jaqax taħt ir-regola ta' newtralizzazzjoni ma huwiex rilevanti fil-kawża ineżami. Għaldaqstant, ma hijiex meħtieġa risposta fil-kawża ineżami, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħditx dan b'mod korrett fis-sentenzi tagħha tad-29 ta' Novembru 2007, Salvador García vs Il-Kummissjoni (C-7/06 P, EU:C:2007:724), Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni (C-8/06 P, EU:C:2007:725), Salazar Brier vs Il-Kummissjoni (C-9/06 P, EU:C:2007:726), u De Bustamante Tello vs Il-Kunsill (C-10/06 P, EU:C:2007:727).

[42] Ikun tajjeb li wieħed jikkunsidra li ssir distinzjoni skont jekk ix-xogħol rispettiv huwiex assoċjat ma' ċerti privileġġi u eżenzjonijiet, bħal dawk li jistgħu jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Vjenna tat-18 ta' April 1961 dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi jew trattati internazzjonali oħra. Fil-fatt, fi kwalunkwe każ f'każijiet bħal dawn hemm differenza rilevanti biżżejjed għal persuni li huma stazzjonati temporanjament barra minn pajjiżhom minn persuna privata – fiżika jew ġuridika – u li jaħdmu hemm, pereżempju, f'fergħa. Barra minn hekk, il-kriterju tal-eżistenza ta' ċerti privileġġi u eżenzjonijiet favur il-persuna jippermetti applikazzjoni oġġettiva u ċara tar-regola ta' newtralizzazzjoni.

91. Fil-kawża ineżami huwa stabbilit li l-appellant baqa' jżomm l-istatus ta' Mħallef Pollakk waqt li kien qiegħed jeżerċita l-attività tiegħu fi Brussell. Kif jidher mid-dikjarazzjonijiet preċedenti tiegħi, il-kriterju deċiżiv għall-applikazzjoni tar-regola ta' newtralizzazzjoni la huwa l-attività speċifika mwettqa mill-persuna u lanqas ir-relazzjoni legali speċifika tagħha ma' dan l-Istat l-ieħor, iżda l-inkorporazzjoni tagħha f'istituzzjoni ta' dan l-Istat l-ieħor fl-Istat ta' impjieg.

92. Matul il-perijodu ta' referenza, l-appellant, skont il-konstatazzjonijiet fil-punti 64, 66 u 73 tas-sentenza appellata, ħadem fil-biċċa l-kbira fl-uffiċċju tal-EJTN fi Brussell. Huwa kien ukoll taħt l-istħarriġ tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-EJTN, li kellu s-setgħa li jissospendi l-mandat tiegħu u li jipproponi t-terminazzjoni tal-mandat tiegħu lill-Assemblea Ġenerali. Dawn iċ-ċirkustanzi juru li huwa kien integrat f'istituzzjoni tal-EJTN fil-Belġju. Kif jirriżulta mill-punti 3 u 82 tas-sentenza appellata, l-EJTN hija assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' lukru rregolata mid-dritt Belġjan, li għandha l-għan li tiżviluppa programmi ta' taħriġ b'dimensjoni Ewropea għall-membri tagħha u l-persunal tal-qrati tagħhom. Għaldaqstant, ma hijiex istituzzjoni tal-Istat Pollakk.

93. L-argument tal-appellant li l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li skontha inkorporazzjoni f'Rappreżentanza Permanenti ta' Stat Membru hija meħtieġa, teskludi lill-membri kollha tal-ġudikatura milli jibbenefikaw mir-regola ta' newtralizzazzjoni, ma jikkontradixxix ir-riżultat li jinsab hawnhekk.

94. Finalment, l-ewwel, ma hijiex meħtieġa risposta fil-kawża ineżami, jekk l-inkorporazzjoni f'ambaxxata, missjoni diplomatika jew Rappreżentanza Permanenti hijiex assolutament meħtieġa jew jekk l-inkorporazzjoni f'istituzzjoni oħra tal-Istat fil-pajjiż ta' impjieg hijiex biżżejjed.

95. It-tieni, ma jidhirx impossibbli li anki membri tal-ġudikatura, minkejja l-indipendenza ġudizzjarja tagħhom jistgħu jiġu integrati f'tali istituzzjoni, pereżempju, bħala riżultat ta' kollokament. Dan jidher mill-eżempju tal-appellant innifsu, li l-indipendenza ġudizzjarja tiegħu ma ġietx affettwata mill-fatt li, fil-kuntest tal-attività – separata – tiegħu għall-EJTN, huwa kien integrat fl-istituzzjoni tiegħu u suġġett għall-istħarriġ tal-kumitat ta' tmexxija tiegħu.

96. U t-tielet, il-ħtieġa li tiġi applikata r-regola ta' newtralizzazzjoni fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u sempliċi tippermetti li jiġu esklużi ċerti gruppi ta' persuni, bħalma, pereżempju, huwa servizz fis-settur purament privat hija irrilevanti. Kif ġie rrilevat fil-punti 67 *et seq*., ir-regola ta' newtralizzazzjoni ma għandhiex indirettament tinftiehem bħala privileġġ, iżda hija tipikament ibbażata biss fuq ir-rabta speċifika tar-rikorrent mal-Istat l-ieħor. Jekk l-appellant ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, iżda fi ħdan dak tal-ittra b, interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "attività f'dipartiment ta' Stat" li għandu jiġi interpretat b'mod identiku, tkun ta' żvantaġġ għalih [43].

97. Il-Qorti Ġenerali lanqas ma wettqet żball ta' liġi, kuntrarjament għal kif isostni l-appellant, meta assumiet li x-xogħol li sar għall-EJTN kien l-uniku fattur rilevanti, mingħajr ma qieset l-istatus tal-appellant bħala Mħallef u r-relazzjoni legali bejnu u l-Istat Pollakk.

98. Fil-fatt, kif għadu kif ġie rrilevat, l-istatus tal-persuna kkonċernata u r-relazzjoni legali tagħha mal-Istat l-ieħor ma humiex deċiżivi għall-applikazzjoni tal-kriterju ta' "xogħol li sar għal Stat ieħor". Għaldaqstant, huwa wkoll irrilevanti li matul il-perijodu ta' referenza l-appellant baqa' impjegat bħala Mħallef distrettwali mal-Istat Pollakk u rċieva s-salarju tiegħu direttament mill-Qorti Distrettwali.

[43] Ara f'dan ir-rigward, il-kunsiderazzjonijiet tiegħi fil-punti 71 sa 73.

3. Konklużjoni intermedja

99. Il-Qorti Ġenerali, għaldaqstant, iddeċidiet, mingħajr ma wettqet żball ta' liġi, li l-eċċezzjoni ta' "xogħol li sar [għal] Stat ieħor" fit-tieni inċiż tat-tieni sentenza l-Artikolu 4(1)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ma tapplikax għax-xogħol li sar mill-appellant għall-EJTN.

VI. Fuq l-ispejjeż

100. Mill-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq isegwi li l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq l-ispejjeż, skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li japplika għall-proċeduri ta' appell taħt l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni għamlet it-talba korrispondenti, l-appellant għandu jiġi kkundannat ibati kemm l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Kummissjoni.

VII. Konklużjoni

101. Fil-qosor, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1. L-appell huwa miċħud

2. Tikkundanna lill-appellant ibati l-ispejjeż tal-appell.